QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
ONOR IMĦALLEF ANNA FELICE

Illum l-Erbgħa 5 ta' Marzu 2025

Numru fil-lista: 3

Rikors Ġuramentat Nru: 490/24 AF

Clint Camilleri u
Jedienne Camilleri

vs

AIMS Investments Liminted ġia
Administraton Investment Management
Services Limited

Kevin sive Kevin Jihn Zammit

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Clint Camilleri u Jedienne Camilleri li permezz tiegħu wara li ġie premess :

(1) Illi permezz ta' konvenju tas-16 ta' Frar 2021 redatt minn Nutar Sharon

Faith Farrugia li kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok DB1 l-intimata AIMS Investments Limited *ġia* Administration Investments Management Services Limited obbligat ruħha illi tbiegħ lill-esponenti li obbligaw ruħhom illi jakkwistaw il-fond 3, Eagle Court, Triq Brighella, Hamrun u dan skond il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm miftiehma ;

(2) Illi dan il-konvenju kien ġie debitament reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u kien validu sat-30 ta' April 2024 kif jirrizulta mit-tiġdid u l-irċevuti hawn annessi u mmarkati Dok DB 2 sa DB9 ;

(3) Illi l-esponenti ġia ħallsu akkont tal-prezz tal-bejgħ s-somma ta' €130,000 u dan permezz ta' xogħlijiet magħmula mill-esponenti fil-proprjeta' in kwistjoni, u dan kif jirrizulta mil-konvenju u t-tiġdid annessi ma dan r-rikors ;

(4) Illi l-intimat Kevin *sive* Kevin John Zammit fl-aħħar tiġdida tal-konvenju kien obliga ruħhu illi jekk l-att ta' bejgħ finali ma ssirx għal kwalunkwe raġuni huwa ikun garanti tas-somma imħallsa akkont ;

(5) Illi l-kuntratt ta' bejgħ finali ma sarx minħabba raġunijiet imputabbli lill-intimati, ossija il-fatt illi l-izvilupp in kwistjoni għadu sal-llum mhux lest u ilu ma ssir progress fl-istess zvilupp għall-diversi xhur ;

(6) Illi permezz ta' ittra ufficiali li kopja tagħha qegħda hawn annessa u mmarkata Dok Dok DB10 l-esponenti kien interpella lill-intimati sabiex iħallsuh s-somma ta' €130,000 ġia la darba l-kuntratt ta' bejgħ finali ma setax issir entro l-iskadenza tal-konvenju minħabba raġunijiet imputabbli lilhom;

(7) Illi għalhekk l-intimati huma debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' €130,000 oltre l- imgħax liema dejn huwa ċert likwidu u dovut;

(8) Illi sa fejn jafu l-esponenti l-intimati m'għandhom l-ebda eċċezzjonijiet validi fil-liġi u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddisponi mill-kawza bid-dispensa tas- smiegħ *ai termini* ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(9) Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment u qiegħed jikkonfermahom bil- ġurament tieghu Clint Camilleri.

Intalbet din il-Qorti:

1.Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smigħ tar- rikors *ai termini* tal-Artikoli 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-intimati huma debitur tar-rikorrenti għas-somma ta' €130,000 oltre l- imgħax legali ;

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-esponenti is-somma ta' €130,000 oltre l-imgħax legali.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li z-zewġ intimati minkejja li saret lilhom id-debita notifika, baqgħu ma dehrux fil-Qorti u ma kkontestaw il-kawza b'ebda mod.

Rat li t-talba hija ben soretta bid-dokumenti esebiti u għalhekk hija meqjusa mistħoqqha.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhelkk il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimati huma flimkien debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' mija u tletin elf Euro (€130,000); tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil-intimati flimkien *in solidum* iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' mija u tletin elf Euro (€130,000), bl-imgħax u spejjez inkluz l-ispejjez tas-sekwestru 756/2024.

L-ispejjez tal-kawza jitħallsu kollha lill-intimati *in solidum*.

IMĦALLEF

Deputat Reġistratur